MISSION FUND

No: 97 MARZU 2010 - MEJJU 2010 VO/0015

NEWSPAPER POST

# IL-MISSJUNARJU



Għeżież Membri u Ko-operaturi,

Kulħadd jaf li fid-dinja hawn ħafna faqar u kulħadd jixtieq li l-faqar jiġi eleminat, iżda għażiż ħabib, inti qiegħed tagħmel xi ħaġa biex il-faqar jitnaqqas xi ftit ? Tgħidli, “*Jien x’nista’ nagħmel?Jiena mhux sinjur u ma nistgħax nagħti ħafna minn naqra li għandi.*” Iżda kif jgħidu, kull qatra tgħodd ….aħjar tagħti ftit,milli ma tagħti xejn. Aħseb ftit…. kieku kont int f’din is-sitwazzjoni ta’ faqar, kont tixtieq li xi ħadd jgħinek?

## EDITORJAL

Kien propju għalhekk, li l-*Mission Fund* twaqfet 26 sena ilu, biex tgħin lill-missjunarji Maltin li qegħdin fil-pajjiżi fqar. Il-Missjunarji qed jagħtu servizz lill-fqar, kemm fil-ħwejjeġ spiritwali kif ukoll materjali. Min jaf kemm nies imorru għandhom jitolbu l-għajnuna għal kull ħaġa li tinqalalhom u dawn il-missjunarji jkollhom jaraw kif jgħinuhom. Jien, li mort kemm-il darba għall-Esperjenzi li l-*Mission Fund* torganizza fis-Sajf, naf tajjeb kemm persuni jmorru għand il-missjunarju jittalbu.

Bħalissa qegħdin fi żmien ir-Randan. Ikun tajjeb li nagħmlu xi sagrifiċċju u noqgħodu neqsin minn xi ħaga biex l-flus nagħtuhom lil min għandu bżonn l-għajnuna tagħna. Kulħadd jaf, kemm il-poplu Malti huwa ġeneruż u kull meta jkun imsejjaħ biex jagħti xi ħaga, l-iżjed f’każ ta’ xi diżastru naturali, bħal dak riċenti tat-terremot ta’ Haiti, kulħadd jagħti bi ħġaru l-għajnuna tiegħu.

Din is-sena, l-proġett li ser isir fis-Sajf li ġej mill-*Mission Fund,* huwa binja kbira fl- isptar f’Makiungu t-Tanzania. Dan ser isir fuq talba ta’ tabiba Maltija Sr. Maria Borda MMM, u hija responsabbli ta’ dan l-isptar li għandu 170 sodda, b’popolazzjoni kwazi daqs dik ta’ Malta. Jiena ċerta li ser niġbru flus biżżejjed biex il-ħolma ta’ Sr. Maria Borda tkun tista’ ssir realta’.

Jien, nirringrazzjakom ta’ kemm tgħinu lil *Mission Fund*. Infakkarrkom, li bil-għajnuna tagħkom, aħna nkunu nistgħu nkomplu ngħinu lil dawk fil-bżonn, sabiex b’hekk, jkunu jistgħu jgħixu xi ftit aħjar.

*Sylvia Ebejer – President*

Address: Eureka Court, Block A Flat 6, Main Street, Mosta MST 1018
Opening Hours: Mon-Fri 9am – 1pm
Tel/Fax: (+356) 2141 3664 – 24-hr Answering Machine Service
Website: www.missionfund.org.mt
E-mail: missionfund@global.net.mt

**DONAZZJONIJIET LI NTBAGĦTU LILL-MISSJUNARJI BEJN SETTEMBRU – DIĊEMBRU 2009**

**1. Sr Salvina Grech (Republic of Cameroon)**
Towards her pastoral work and purchasing medical equipment for the Health Centre. €1,200

**2. Fr Philip Cutajar (Cuba)**
Towards providing food, clothes and medicine for the poor and sick people and helping them to pay their bills. €1,200

**3. Fr Anton Scerri (India)**
Towards providing food and shelter for the 800 poor children in his mission. €1,200

**4. Fr Bernard Mallia (Sudan)**
Towards building a youth centre/parish hall and helping the poor students financially. €1,200

**5. Sr Mary Dolores Saliba (Czech Republic)**
Towards running a home for mothers and children in distress and visiting women in prison. €1,200

**6. Sr Mary Pace (Libya)**
Towards providing financial aid for poor families and helping the sick migrants in prison. €1,200

**7. Fr Raymond Portelli (Peru')**
Towards the the provision of around 100 meals daily for street children, single mothers and elderly people and the running of the small clinic. €1,200

**8. Bishop Mons. Vincent Costa (Brazil)**
Towards financing social projects of the Diocesan Caritas of Umuarama and to help in the Spiritual and intellectual formation of the seminarians of this Diocese. €2,400

**9. Sr Emiliana Agius (Brazil)**
Towards the running of the formation house for young nuns and the educational support given to orphans and students coming from very poor families. €1,200

**10. Sr Sandra Cassar (Kenya)**
Towards the running of the Crafts school giving dressmaking, tailoring and knitting lessons and preparing students coming from poor families to find a better future. €1,200

**11. Sr Gemma Fenech (Philippines)**
Towards educational support for children coming from poor families and the provision of food especially rice for the poor. €1,200

**12. Fr Albert Gauci (Honduras)**
Towards the running of the Nutritional Centre which caters for hundreds of very poor children who mostly live on the streets and the orphanage with 26 children. €1,200

**13. Fr Joseph Zerafa (India)**
Towards the educational support given to pupils coming from poor families, medical help to seriously sick people and provision of fertilizers to poor farmers. €1,200

14. **Fr Joseph M. Gauci Sacco (India)**
    Towards the printing cost of the religious books and magazines. €1,200

15. **Fr John Mary Cauchi (Brazil)**
    Towards the support and financial aid to the poor farmers who need a lawyer to fight for justice. €1,200

16. **Fr Lonnie Borg (Philippines)**
    Towards the scholarships he offers to the poor students and the provision of food, clothes and medicine to the families who have lost their homes in the floods. €1,200

17. **Sr Frances Cachia (Brazil)**
    Towards the work with the youngsters for a decent living and providing medicine and pay utility bills for the poor €1,200

18. **Sr Carmela Chircop (Israel)**
    Towards the provision of basic needs to the very poor families and to help mothers to care for their children. €1,200

19. **Sr Josephine Vassallo (Zambia)**
    Towards the work with the HIV/AIDS patients, providing medical care and counselling. €1,200

20. **Sr Antonia Sammut (Egypt)**
    Towards the running of the orphanage and the dispensary and providing medical care. €1,200

21. **Sr. Rita Refalo (Latvia)**
    Towards the expansion of the Centre and catholic publications to be used for the formation of families. €1,200

22. **Fr Joseph Bonello (Honduras)**
    Towards the reconstruction of the ceilings of the workshops and the homes of the poor people. €1,200

23. **Sr Mary Zarb (Algeria)**
    Towards educational support to pupils coming from poor families and also providing basic needs to families in need. €1,200

24. **Sr Maria Domenici (Israel)**
    Towards the provision of uniforms, books and all educational material and also to distribute food items for Christmas to poor families. €1,200

25. **Sr Maria Esther Attard (Philippines)**
    Towards the provision of food and basic necessities for the victims of the last 3 typhoons. €1,200

| | |
|---|---|
| **Donazzjonijiet mill – 01.09.2009 – 31.12.2009** | **€31,200** |
| **Donazzjonijiet matul is-sena 2009** | **€223,984** |
| **Donazzjonijiet mill - 1984 – 2009** | **€2,481,714** |

**B*UFFET BREAKFAST:***
*Ser isir Buffet Breakfast ieħor nhar il-**Ħamis 25 ta' Marzu 2010** f'San Antonio Hotel, Triq it-Turisti, Buġibba. Il-prezz huwa €10.00 biss. Il-quddiesa ser tibda fid-09.15 u tiġi ċċelebrata f'sala kbira li tesgħa 300 persuna. Wara l-Breakfast ikun hemm it-Tombola. Parking mhix problema għax għandna l-faċilita' li nużaw il-parkeġġ tal-lukanda. Min jixtieq jixtri biljetti jew għandu bżonn trasport jista` jċempel lil Mission Fund Tel: 2141 3664 jew lil Charles Decelis Tel: 2157 5351 / Mob: 9988 5078. Tħallux għall-aħħar biex ma tkunux diżappuntati.*

**C*HARITY FUN DAY:***
*Il-Mission Fund ser ikollha stand minn fejn se jinbiegħu oġġetti tad-dar u qsari, b'risq il-missjunarji Maltin u Għawdxin fil-pajjiżi l-aktar foqra. Għal din l-attivita` se jkun hemm organiżżazzjonijiet oħra tal-karita`. Niltaqgħu magħkom* nhar il-***Ħadd 21ta' Marzu, 2010*** *mill-11.00 sa' l-16.00 fir-Riviera Resort & Spa, l-Marfa. Dħul b'xejn.*

**F*IGOLLI:***
*Bħal kull sena, għal fund raising ser ikollna figolli li ser jinbiegħu **€5.00** il-waħda. Tistgħu tordnaw mill-uffiċċju fuq Tel no. 2141 3664, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mid-09.00 sas-13.00 jew lil Therese Gatt fuq Tel. no. 2143 3469 / 9922 6253.*

**L*AQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2010:***
*Il-Laqgħa Ġenerali Annwali ser issir* fil–***11 t'April, 2010***. *F'din il-laqgħa, fost affarijiet oħra ssir elezzjoni għall-membri ta' Kumitat ġdid għal sena, kif ukoll jinqraw u jiġu approvati r-Rapport tal-President u r-Rapport Finanzjarju għas-sena li għada kemm għaddiet. Inħabbrulkom il-kumitat il-ġdid fil-ħarġa li jmiss.*

**L*EZZJONIJIET TAL-X-STITCH:***
*Min Mejju, ser nibdew ngħatu lezzjonijiet tal-X-stitch fl-uffiċċju tagħna. Dawn ser isiru darba fil-ġimgħa filgħodu, lezzjoni ta' sagħtejn. Il-kors huwa ta' 5 lezzjonijiet għall-ħlas ta' €20 li ser jingħata bħala donazzjoni lil Mission Fund. Kull min hu nteressat għandu jċempel l-uffiċċju biex jibbukkja. (Tel: 2141 3664).*

**M*ARATONA:***
*Nirringrazzja lil kull min offra donazzjoni waqt il-maratona nhar il-Ħadd 21 ta' Frar, b'risq il-bini ta' blokk ġdid fi sptar fit-Tanżanija. Grazzi wkoll lil kull min għin biex din l-attivita` setgħet issir. Ħajr lil President ta' Malta Dr. George Abela u lil Mons. Arcisqof Paul Cremona tas-sapport li wrew bil-parteċipazzjoni tagħhom. Bil-ġenerożita` tagħkom intlaħqet is-somma sabieħa ta' €108,908. Grazzi mill-qalb.*

**N*EWSLETTER:***
*Nixtiequ xi helpers biex iqassmu din in-newsletter fid-djar fl-irħula tagħhom. B'hekk inkunu nisgħtu nifrankaw xi ftit mill-bolol. Kull min jixtieq jgħin għandu jċempel l-uffiċċju biex nagħtuh iżjed dettalji.*

**N*EWSLETTER FUND:***
*Bħal kull sena, qed niġbru donazzjoni ta' lanqas €3.00, għall-ispejjeż ta' din in-Newsletter. Jekk jogħġobkom immarkaw l-envelop tad-donazzjoni għal dan l-iskop, jiġifieri 'Newsletter Fund'. Din id-donazzjoni mhix obbligatorja. Min ma jibgħatiex xorta jibqa' jirċievi n-Newsletter imma bl-għajnuna tagħkom tkunu qed ittaffu xi ftit l-ispejjez tagħna. Grazzi.*

# *B A Z A A R S*

## *TAURUS CENTRE (ex Albert tours) - VALLEY ROAD, B'KARA*

*KULL NHAR TA' TNEJN U L-HAMIS BEJN ID-09.30 – 12.00*

## *GARAGE 27, ST. MARGARET STREET, MOSTA*

*KULL NHAR TA' HAMIS BEJN ID-09.15 – 12.00*

**QUDDIESA GĦALL-ERWIEĦ TAL-BENEFATTURI TAGĦNA**

Kull xahar matul is-sena, fil-knisja ta' **San Franġisk il-Ħamrun** ser issir quddiesa għall-erwieħ tal-qraba tal-benefatturi tal-Mission Fund. Dan ser isir f'dawn il-ġranet li ġejjin:

**18 ta' Marzu (18.30), 8 t'April (18.30), 11 ta' Mejju (18.30), 10 ta' Ġunju (18.30), 16 ta' Lulju (18.30), 16 t' Awissu (18.30), 10 ta' Settembru (18.30), 15 t'Ottubru (18.30), 8 ta' Novembru (08.30), 8 ta' Diċembru, 2010 (08.30).** Inħeġġu li kull min jista`, jattendi għal dan il-quddies.

Quddiesa oħra ser issir nhar l-Ħamis **22 ta' April, 2010 fil- Parroċċa tan-Naxxar fis-18.30.**

Kull min jixtieq jibgħat xi donazzjoni għandu jimla l-formula t'hawn taħt flimkien ma' l-ismijiet tal-qraba u ħbieb mejtin u jibgħatilna. Dawn jiġu offruti fuq l-artal waqt il-quddiesa. Isir talb speċjali għal ruħhom, kemm fil-quddies li nagħmlu hawn Malta, kif ukoll f'dawk li jsiru għall-istess għan mill-Missjunarji li intom qegħdin tgħinu.

-------------------------------------------------- aqta` hawn ------------------------------------------------

Qiegħed nibgħat il-ħlas ta' € _____________ permezz ta' cheque/ money order pagabbli lill-MISSION FUND għal ruħ/erwieħ:

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

ISEM: _________________________KUNJOM:__________________________________________

ISEM/NUMRU TAD-DAR:____________________________________________________________

TRIQ: __________________________________________________________________________

RAĦAL: ____________________KODIĊI POSTALI: _______________TEL:_________________

## SORU MALTIJA TMEXXI SPTAR FIT-TANŻANIJA:

Maria Borda twieldet tas-Sliema, iż-żgħira fost 3 aħwa bniet. Miċ-ċokon xtaqet tingħata lil Ġesu` billi tiddedika ħajjitha għall-missjoni. Ta' għoxrin sena, tlett xhur biss wara li ggradwat fl-Ekonomija, Maria siefret biex ingħaqdet mall-kongregazzjoni Irlandiża 'Medical Missionaries Of Mary'. Din il-kongregazzjoni missjunarja għandha madwar 400 soru jaħdmu mall-foqra bħala infermiera, spiżjara u tobba.



Maria studjat u kkwalifikat bħala tabiba l-Irlanda. Wara kompliet tistudja fuq it-tqala, fuq il-kura tat-tfal, fuq il-mard tropikali u tgħallmet il-lingwa Afrikana. Tul dan iż-żmien twil ta' studju kienet tieħu wkoll formazzjoni reliġjuża bħala soru.

Sr.Maria ilha 25 sena taħdem bħala tabiba fit-Tanżanija. Illum Sr.Maria hi responsabbli minn sptar ta' 160 sodda, f'Singida t-Tanżanija, 9 siegħat l-bogħod minn l-eqreb ajruport. Il-Mission Fund laqa' t-talba ta' Sr. Maria u bejn l-10 ta' Awissu u s-16 ta' Settembru grupp ta' madwar 25 voluntier mill-Mission Fund ser jassistu fil-bini ta' blokk ġdid fl-isptar immexxi minn Sr. Maria.

In-nies fl-inħawi ta' Singida jaħdmu r-raba bl-idejn. Il-pazjenti, inkluż nisa tqal, jaslu l-isptar bil-mixi jew jinġarru fuq xi rota fuq art imħarrbta. L-isptar jilqa wkoll morda bl-AIDS, bit-TB u bil-Lebbra. Il-ħidma kontinwa ta' Sr. Maria hija raġġ ta' dawl qawwi li jagħti tama tant meħtieġa lil-ħafna nies fil-bżonn.

## *SKEMA SELF TA' FLUS:*

Din hija skema fejn il-benefattur tagħna, minflok jagħtina donazzjoni, jsellifna somma flus (€500 minimu), l-imgħax fuq dan id-depożitu, flok imur għand il-benefattur, jgħaddi lill-Mission Fund.

Is-somma depożitata dejjem tibqa' dritt tal-benefattur, tant, li meta wieħed jkollu bżonn il-flus, dan għandu jinfurmana ftit ġranet qabel biex ngħadduhom lura (bla imgħax). Aħna dejjem nagħtu rċevuta/dokument uffiċċjali. Bis-saħħa tal-benefatturi li qed jipparteċipaw f'din l-iskema, aħna għandna s-somma sabiħa ta' €55,800 li tirrendielna imgħax tajjeb, sabiex inkunu nistgħu ngħinu lill-missjunari tagħna. Kull min hu nteressat f'din l-opra sabiħa jew jixtieq ikun jaf iżjed dettalji, għandu jikkuntattjana. Grazzi.

